# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 9**

**Rikors numru 1148/2013 JZM**

**M.I.D.C Limited (C282)**

**v.**

**Malta & Europe Hotels Limited (C422), John Zammit u Michele Martone u Massimiliano Martone rapprezentati mill-mandatarju specjali l-Avukat Dottor Mario De Marco;**

**u**

**b'digriet tad-9 ta` Lulju 2014 ġew nominati l-Avukat Dr. Anthony Stellini LL.D. u l-Prokuratur Legali Mario Buttigieg bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Massimiliano Martone;**

**u**

**b'digriet mogħti fid-9 ta' Marzu 2015 il-kuraturi deputati l-Avukat Dr. Anthony Stellini LL.D. u l-Prokuratur Legali Mario Buttigieg ġew sostitwiti bil-kuraturi deputati Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u**

**l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo;**

**u**

**b'digriet mogħti fid-19 ta' Novembru 2015 ġie revokat *contrario imperio* d-digriet mogħti fid-9 ta' Marzu 2015;**

**u**

**b'digriet mogħti fid-19 ta' Novembru 2015 tħassru l-kliem "rappreżentati mill-mandatarju specjali l-Avukat Dottor Mario De Marco"**

**u**

**b'digriet mogħti fil-11 ta` Lulju 2017 kien ordnat illi l-atti tal-kawża jgħaddu fil-persuna ta' Massimiliano, Annabella, Luigi u Franco aħwa Martone sabiex jissoktaw il-kawża bħala konvenuti minflok missierhom il-konvenut Michele Martone li miet fil-mori tal-kawża**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors maħluf ippreżentat mis-soċjeta` attriċi fid-29 ta' Novembru 2013 li jaqra hekk:

> *"1. Illi s-soċjetà attriċi hija azzjonista fis-soċjetà konvenuta Malta & Europe Hotels Limited billi għandha żewġ ishma fis-soċjetà konvenuta, li kienet akkwistat mingħand Anthony Borg;*
>
> *"2. Illi jirriżulta li l-konvenut Michele Martone kien akkwista sehem wieħed (1 share) fis-soċjetà konvenuta, mingħand John Zammit li sussegwentement ġie ttrasferit u rreġistrat f'isem ibnu Massimiliano Martone;*
>
> *"3. Illi Article 6(1) tal-Articles of Association tas-soċjetà konvenuta tistipula l-proċedura li trid tiġi segwita biex jista' jsir trasferiment tal-ishma f'din is-soċjetà u tgħid: "No share may be transferred to non members unless it is first transferred to the shareholders who shall have the right of option in the proportion laid down in paragraph 7. (2) Shares may be freely transferred "inter vivos", to the descendants of shareholders." (Dok. A3)*

*"4. Illi din il-proċedura rikjesta "ad validitatem" għat-trasferiment tal-ishma fis-soċjetà konvenuta teżiġi li ssir u tintbagħat ċirkolari mis-soċjetà lill-azzjonisti l-oħra kollha, qabel Michele Martone seta' jakkwista s-sehem wieħed (one share) mingħand John Zammit;*

*"5. Illi din il-proċedura ma ġietx segwita in kwantu tikkonċerna s-sehem wieħed li John Zammit biegħ lil Michele Martone, billi ċ-ċirkolari qatt ma saret u qatt ma ntbagħtet lill-azzjonisti l-oħra kollha skont id-dokumenti uffiċjali tas-soċjetà konvenuta;*

*"Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha premessi, igħidu l-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*"1. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-bejgħ, t-trasferiment u r-registrazzjoni tas-sehem wieħed fis-soċjetà konvenuta minn John Zammit lil Michele Martone, u sussegwentement it-trasferiment u r-reġistrazzjoni ta' dan is-sehem wieħed f'isem Massimiliano Martone huma nulli u mingħajr ebda effett legali.*

*"2. Tordna lis-soċjetà konvenuta Malta & Europe Hotels Limited sabiex fi żmien perentorju għal dan il-għan tħassar u tikkanċella minnufih ir-reġistrazzjoni ta' dan is-sehem wieħed fuq imsemmi f'isem Michele Martone u sussegwentement f'isem Massimiliano Martone.*

*"3. Fin-nuqqas ta' adempiment mat-tieni talba, tinnomina kuratur jew kuraturi sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi sabiex jagħmlu dawk l-atti u proċeduri kollha meħtieġa in adempiment mat-tieni talba hawn dedotta.*

*"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li jibqgħu minn issa inġunti biex jidhru in subizzjoni.'*

2. Rat illi permezz ta' tweġiba ppreżentata minn Malta & Europe Hotels Limited fil-31 ta' Lulju 2014 u kkonfermata bil-ġurament minn Dr. Robert Tufigno *qua* stralċjarju tal-istess soċjeta`[1], ġie eċċepit:

*"1. Preliminarjament, illi l-esponenti ma għandux ir-rappreżentanza ġudizzjarja tas-soċjetà esponenti li hija rappreżentata mill-Kontrollur maħtur taħt il-Kap. 383 tal-Liġijiet ta' Malta li għandu r-rappreżentanza tas-soċjetà esponenti.*

*"2. Preliminarjament u sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta skont l-artiklu 2143 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

[1] Fol. 27 et seq.

*"3. Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi fil-mertu t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress:-*

*"(a) illi ma jirriżultax dak li qed jiġi allegat mir-rikorrenti li x-share trasferit lil Michele Martone ma ġiex offrut lill-azzjonisti l-oħra jew li sar xi ksur tal-Articles of Association tas-soċjetà esponenti li jġib miegħu n-nullita' ta' tali trasferiment u reġistrazzjoni tas-sehem wieħed f'isem Michele Martone;*

*"(b) illi r-rikorrenti kienet aġixxiet b'mod u ħadet pożizzjoni legali li turi jew timplika li hija kienet jew aċċettat li t-trasferiment ta' share wieħed fis-soċjetà esponenti lil Michele Martone u r-reġistrazzjoni tiegħu bħala azzjonist kienu validi jew li hi rrinunzjat għal kull dritt li seta' kellha li titlob li jiġi ddikjarat null u bla effett tali trasferiment u/jew ir-reġistrazzjoni tas-sehem f'isem Michele Martone;*

*"(c) illi fi kwalunkwe każ ma jirriżultax lill-esponenti mir-registru tal-membri li Michele Martone akkwista xi sehem mingħand John Zammit.*

*"4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

3. Rat it-tweġiba ppreżentata fit-30 ta' Marzu 2015 minn kuraturi deputati għan-nom ta' Massimiliano Martone[2] li ddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti u rriżervaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri f'każ li jkollhom aktar informazzjoni.

4. Rat illi l-ħatra ta' kuraturi deputati għan-nom ta' Massimiliano Martone ġiet revokata stante li fis-26 ta' Ottubru 2015 il-konvenuti Massimiliano Martone u Michele Martone wieġbu personalment għat-talbiet attriċi permezz tar-risposta maħlufa[3] segwenti:

*"1. Fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-esponenti jeccepixxu d-dezerzjoni tal-kawza odjerna stante li l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa fiz-zmien perentorju ta' sitt (6) xhur kif preskritt fl-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-esponenti Michele Martone u*

[2] Fol. 62.
[3] Fol. 100.

*Massimiliano Martone gew notifikati bir-rikors guramentat promotur kwazi sentejn wara d-data tal-prezentata tal-istess;*

*"2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost dejjem in linea preliminari, is-socjetà rikorrenti ghandha tipprova l-interess guridiku necessarju sabiex tippromwovi l-azzjoni odjerna u, in partikolari, li gie registrata azzjonista tas-socjetà intimata Malta & Europe Hotels Limited;*

*"3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost dejjem in linea preliminari, kwalsiasi` azzjoni tentata mis-socjetà rikorrenti hija perenti bid-dekors ta' tletin sena mill-att impunjat u dana a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*"4. (i) Fir-raba lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost dejjem in linea preliminari, il-mertu ta' din il-kawza diga kien jifforma parti minn u gie deciz a favur tal-esponenti Michele Martone u Massimiliano Martone fil-kawza fl-ismijiet Herbert Baldacchino et vs Cecil Pace et noe (Citazzjoni Nru 1707/1993) u dana wara li s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla fil-31 ta' Ottubru 1997, li giet ikkonfermata f`sede t' appell mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri fil-25 ta' Frar 2000 u regghet giet ikkonfermata fir-ritrattazzjoni fi stadju tal-appell fit-22 ta' April 2004, liema sentenza llum ghaddiet in gudikat a favur tal-esponenti;*

*"(ii) Illi inoltre l-mertu ta' din il-kawza diga gie jifforma parti minn kawza ohra deciza a favur tal-esponenti Michele Martone u Massimiliano Martone fil-kawza fl-ismijiet Cecil Pace vs Michele Martone et (Citazzjoni Nru 1202/1997) deciza fil-15 ta' Ottubru 2008;*

*"(iii) Illi inoltre l-mertu ta' din il-kawza diga' gie trattat u deciz fis-sentenza fl-ismijiet Cecil Pace et pro et noe vs Emanuel A. Bonello pro et noe et (Citazzjoni Nru 146/1989) deciza definittivament fl-24 ta` Jannar 2014, wara l-appell interpost gie ddikjarat dezert permezz ta' provvediment moghti mill-Onor. Qorti tal-Appell fit-13 ta` Lulju 2015.*

*"5. Illi ghaldaqstant il-mertu tal-azzjoni kif proposta huwa ezawrit u l-azzjoni kif proposta hija biss abbuz tas-sistema legali ghaliex hija intiza sabiex terga` tiftah proceduri dwar materja li llum ghaddiet in gudikat.*

*"6. Illi l-azzjoni kif proposta hija wkoll inammissibli stante li ghandha effett li tiddustriggi jew tirrestringi u tistultifika l-effett talgudikat tas-sentenzi precedenti surriferiti.*

*"7. Illi inoltre l-azzjoni intentata mis-socjetà rikorrenti ghandha effett li tistultifika l-likwidazzjoni tas-socjeta` intimata Malta & Europe Hotels Limited bi pregudizzju finanzjarju tal-azzjonisti taghha, l-esponenti, li ilhom ibatu tali pregudizzju snin twal.*

*"8. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda fl-interezza taghhom.*

*"9. Illi b' referenza ghall-hames paragrafu tar-rikors mahluf u kuntrarjament ghal dak allegat, Michele Martone akkwista validament u b'mod regolari azzjoni wahda minghand J Zammit, liema akkwist gie accettat u rregistrat mis-socjetà intimata Malta & Europe Hotels Limited.*

*"10. Illi t-trasferiment li sar tal-istess sehem minn Michele Martone lil ibnu Massimiliano Martone huwa regolari u validu, liema trasferiment u akkwist gie wkoll accettat u rregistrat mis-socjetà intimata Malta & Europe Hotels Limited.*

*"11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi u b'rizerva kontra s-socjetà rikorrenti ghal kwalsiasi` azzjoni tad-danni spettanti lill-esponenti."*

5. Rat illi l-konvenut John Zammit, notifikat bil-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni,[4] ma weġibx.

6. Rat illi b'sentenza *in parte* mogħtija fit-13 ta' Lulju 2017, limitatament dwar l-allegata preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-tieni (2) eċċezzjoni tal-konvenuta Malta & Europe Hotels Limited bl-ispejjeż għall-istess kumpanija konvenuta, kif ukoll it-tielet (3) eċċezzjoni tal-konvenuti Massimiliano, Annabella, Luigi u Franco aħwa Mortone li wara l-mewt ta' missierhom fit-8 ta' Frar 2017 issoktaw bil-kawża bħala konvenuti permezz ta' digriet mogħti mill-prim' istanza fil-11 ta' Lulju 2017, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

[4] Fol. 109, 111 – 112, 114 – 116.

7. Rat illi b'sentenza *in parte* oħra mogħtija fit-30 ta' Jannar 2018, limitatament dwar l-allegat nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attriċi u l-allegata *res judicata*, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-tieni (2), ir-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) eċċezzjonijiet tal-konvenuti Martone u ordnat li l-kawża tkompli tinstema', bl-ispejjeż kontrihom.

8. Rat illi wara wara d-digriet tas-26 ta' Frar 2018, il-konvenuti aħwa Martone appellaw mis-sentenza tat-30 ta' Jannar 2018. L-aggravji huma:-

(i) l-allegat nuqqas ta' interess ġuridiku sabiex l-appellata tippromwovi l-azzjoni odjerna;

(ii) ir-*res judicata*.

9. Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2020 id-difensuri tal-kumpanija attriċi u tal-konvenuti Martone għamlu trattazzjoni.

**Ikkunsidrat illi:**

10. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti Martone ilmentaw li l-Ewwel Qorti ċaħdet it-tieni eċċezzjoni li, *'s-soċjeta` rikorrenti għandha tipprova l-interess ġuridiku neċessarju sabiex tippromwovi l-azzjoni*

*odjerna u, in partikolari, li ġie reġistrata azzjonista tas-soċjetà intimata Malta & Europe Hotels Limited'.*

11. L-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni u kkunsidrat:-

"***Jidher evidenti li persuna titqies azzjonista meta tkun giet imnizzla fir-registru tal-membri. Madanakollu l-Qorti tqis li ghall-fini tal-kwistjoni li qeghda tigi trattata bhalissa ma tarax li ghax l-attrici kienet registrata fl-1996 bhala azzjonista fil-kumpanija intimata allura m'ghandhiex interess guridiku fil-kawza kif promossa.***

*"Il-kumpanija attrici ghandha fil-pussess taghha dokument li bih hija akkwistat sehem fil-kumpanija konvenuta, u ghalhekk akkwistat dritt ta' proprjetà fir-rigward tà dan is-sehem. Huwa minnu li dan is-sehem ma giex registrat hlief fl-1996, izda b'daqshekk ma jfissirx li l-attrici m'ghandhiex interess fuq dak li gara fil-kumpanija konvenuta qabel ir-registrazzjoni tas-sehem.*

*"Fir-registru tal-membri tal-kumpanija konvenuta, hemm indikata bhala "date when called" id-data tat-30 ta' Ottubru 1972. (fol 244).*

*"Mill-estratt tal-avviz nru 734 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Awissu 2006 a fol 245 sa 248 tal-process, jirrizulta li:*

> *"According to a court judgement Pace vs Bonello decided by the court of appeal on 31/07/96 it was held that M.I.D.C. Limited had validly purchased 2 shares from Anthony Borg (shares numbered 1133-1134). The Court did not declare that M.I.D.C Limited is a registered member in the Company. However, the Controller of the Company had declared in court that he would abide by any court judgement as to the validity of the share transfer. Eventually on the 31st July 1996, the Controller eneterd the names of M.I.D.C limited as registered member for 2 shares."*

*"Fis-sentenza fil-kawza* ***Pace vs Bonello*** *deciza fil-31 ta' Lulju 1996 ezebita a fol 423 sa fol 433 inghad illi MIDC kienet akkwistat l-ishma 1133-1134 fil-kumpanija Malta and Europe Hotels Limited minghand Anthony Borg fis-sena 1972. Il-Qorti ta' l-Appell ma dahlitx fi kwistjoni dwar jekk MIDC Limited kinitx membru registrat tal-kumpanija izda peress li l-Kontrollur tal-kumpanija kien sostna fil-mori tal-kawza illi*

*huwa kien ser jimxi skont ma` dak li tiddeciedi l-Qorti dwar il-validita` ommeno tattrasferiment ta' dawn l-ishma, dan ghadda biex irregistra lill-MIDC Limited bhala membru tal-kumpanija Malta and Europe Hotels Limited fil-31 ta' Lulju 1996.*

*"Fl-istess decizjoni, il-Qorti ta' l-Appell tajjeb osservat illi azzjonista ta' Malta & Europe Hotels Limited ghandu interess dirett li jikkontesta kemm it-trasferiment kif ukoll ir-registrazzjoni ta' l-ishma fuq isem il-kompratur in kwantu jkun qed jikkontendi li ma gewx osservati ad unguem ir-regolamenti tal-memorandum u ta' l-articles tas-socjeta` li jirregolaw it-trasferiment ta` l-ishma inter vivos. Inghad illi kull azzjonista ghandu interess guridiku li jivverifika li l-proceduri tat-trasferiment ta' l-ishma jkunu gew segwiti sewwa anke ghaliex l-azzjonista ghandu d-dritt ta' opzjoni li jakkwistahom qabel ma jigu offerti lil terzi.*

"***Din il-Qorti tqis li minkejja li MIDC Limited kienet registrata fir-registru tal-membri ta` Malta & Europe Hotels Limited fil-31 ta` Lulju 1996, ladarba kien rikonoxxjut illi MIDC Limited effettivament akkwistat dawn l-ishma partikolari mis-sena 1972, hija ghandha l-interess guridiku li tipprezenta t-talbiet li qeghda tressaq il-kawza tal-lum dwar dak li sehh fil-1974.***

"***B'zieda ma` dan, tajjeb li jigi rilevat illi anke abbazi tad-dotrina ta` jus superveniens kwalsiasi argument li ngieb fis-sens illi ghax MIDC Limited ma kinitx registrata bhala membru fir-registru fis-sena 1974 allura m`ghandhiex locus standi sabiex tilmenta u tiehu azzjoni kontra dak li sehh fis-sena 1974 kien superat bil-fatt li in segwitu fl-1996, u allura qabel saret din il-kawza, MIDC Limited effettivament kienet registrata fir-registru tal-membri.***

***...***

"***Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Martone."***

12. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti saħqu iżda li s-soċjeta` appellata m'għandhiex l-interess ġuridiku. Interess li jrid ikun ġuridiku; dirett u personali; u attwali. Qalu li l-appellata ġiet reġistrata bħala azzjonista fil-31 ta' Lulju 1996 filwaqt li t-trasferiment tas-sehem fis-soċjeta` konvenuta li qed tipprova tattakka kien ilu li ġie reġistrat fir-

reġistru tal-Malta & Europe Hotels Limited mit-23 ta' Ottubru 1974. Jinsistu illi, <u>irrispettivament</u> minn meta l-appellata allegatament akkwistat is-sehem ta' Anthony Borg fis-soċjeta` konvenuta, kemm għall-finijiet tal-liġi tal-Kumpaniji kif ukoll għall-finijiet tal-istatut tas-soċjeta` konvenuta nnifisha, id-drittijiet tal-appellata fil-konfront ta' Malta & Europe Hotels Ltd bdew mill-mument li hija ġiet reġistrata azzjonista tal-istess u mhux qabel. Jikkwotaw dak stabbilit mill-Qorti fil-kawża 1707/1993 deċiża fil-25 ta' Frar 2000, fis-sens li '*kien jeħtieġ pero ad validitatem kif espressament mill-Articles of Association fuq riportati, li t-trasferiment taż-żewġ ishma minn Anthony Borg għas-soċjetà MIDC Ltd jiġi rikonoxxut mill-Bord tad-Diretturi u reġistrat mill-kumpanija. Jekk u sakemm ma jsirx 'the transferor Anthony Borg shall be deemed to be the holder of the share or shares transferred to him (Article6(2)). Dan l-aħħar pass meħtieġ ad validitament biex is-soċjetà MIDC Limited issir hi stess soċju fil-Malta & Europe Hotels Limited, ma seħħx ...'* Jinsistu għalhekk, il-Qorti tal-Prim' Istanza kienet żbaljata meta tat lill-appellata status ta' azzjonista b'mod retroattiv. Iżidu li s-sentenza fiha difett għaliex tapplika d-dottrina tal-*jus superveniens*, li ma tistax tissana n-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-appellata.

13. Da parti tagħha l-appellata wieġbet li l-interess ġuridiku tagħha ma jiddependix mid-data meta ġiet effettivament reġistrata bħala membru fis-soċjeta` konvenuta iżda d-data meta hija akkwistat sehem fl-istess.

Tgħid li l-fatt li hija kienet ġiet imxekkla milli tiġi reġistrata bħala membru fl-istess kumpanija u ħadet il-passi kollha meħtieġa sabiex tasserixxi dan id-dritt jixhed li kellha interess ovvju u reali li jitnissel mis-sehem li kienet akkwistat.

14. L-appellata issostni li l-bejgħ u t-trasferiment tas-sehem bin-numru 1361 fis-soċjeta` konvenuta minn J. Zammit lil Michele Martone; is-sussegwenti reġistrazzjoni tal-istess f'isem Dr Michele Martone LL.D. fil-kotba ta' Malta & Europe Hotels Limited fit-23 ta' Ottubru 1974[5]; u l-eventwali trasferiment *inter vivos* u reġistrazzjoni ta' l-istess sehem lil Massimiliano Martone, iben Michele Martone, huma nulli u bla effett legali minħabba illi, '4....... *l-proċedura rikjesta ad validitatem għat-trasferiment tal-ishma fis-soċjetà konvenuta teżiġi illi ssir u tintbgħat ċirkolari mis-soċjeta` lill-azzjonisti l-oħra kollha, qabel Michele Martone seta' jakkwista s-sehem wieħed (one share) mingħand John Zammit'* ma ġietx segwita.

15. Mill-atti jirriżulta li s-soċjeta` attriċi llum appellata ġiet reġistrata bħala azzjonista ta' żewġ ishma bin-numri 1133 u 1134 fis-soċjeta` konvenuta Malta & Europe Hotels Ltd fil-31 ta' Lulju 1996[6] wara s-sentenza li ngħatat dakinhar stess mill-Qorti tal-Appell fil-kawża ***Pace pro et noe et v. Bonello pro et noe.***[7] F'dik is-sentenza kien dikjarat li s-soċjetà M.I.D.C. Limited akkwistat l-ishma bin-numri 1133 u 1134. Skont

[5] Fol. 265.
[6] Fol. 226 u 243 – 248.
[7] Fol. 423 *et seq*.

iċ-ċitazzjoni li tat bidu għal dik il-kawża, Cecil Pace f'ismu proprju u bħala direttur għan-nom ta' M.I.D.C. Limited ippremetta li M.I.D.C. Limited kienet xtrat l-imsemmija ishma mingħand l-Avukat Dr Anthony H. Farrugia bi prokura ta' ċertu Anthony Borg fil-15 ta' Novembru 1972. Qal li dak in-negozju seħħ wara li s-segretarju ta' dak iż-żmien, ċertu J. Abela, kien ħareġ ċirkolari bid-data tal-20 ta' Ottubru 1972 sabiex jinforma lill-azzjonisti kollha bl-offerta ta' xiri ta' dawk iż-żewġt ishma, iżda ħadd ma wera interess sabiex jixtrihom. F'dawk il-proċeduri, ġiet sollevata *inter alia* kwistjoni dwar l-intempestivita` ta' dik l-azzjoni u f'dak il-kuntest fis-sentenza relattiva mogħtija fil-31 ta' Lulju 1996, din il-Qorti diversament komposta *inter alia* għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> "***Sewwa li jiġi ppreċiżat illi terz estraneju li akkwista ishma f'soċjetà bħal dik taħt eżami ma jsirx awtomatikament azzjonista bil-fatt tal-akkwist, imma biss meta l-akkwist tiegħu jiġi rikonoxxut mill-Bord tad-Diretturi skond kif jipprovdi l-Istatut.*** *Jingħad mill-ewwel ukoll illi l-fatti li fuqhom hi bbażata din l-eċċezzjoni jirriżultaw pjenament ippruvati. Dawn b' mod skematiku huma l-provi inkontestati:*
>
> *"Stabbilit li t-trasferiment ta' l-ishma sar skond kif dovut, u għandu jitqies li hu validu, dan jidher li ġie konkluż fil-15 ta' Novembru 1972. Dak iż-żmien kemm is-soċjetà M.I.D.C. Limited kif ukoll il-Malta & Europe Hotels Limited, kienu għadhom amministrati minn Bord tad-Diretturi u mhux, kif inhuma llum, mill-Kontrollur. L-ewwel Kontrollur ġie appuntat fl-1974;*
>
> *"Il-konvenut Emanuele Bonello jikkonferma illi bħala kontrollur hu qatt ma kellu talba mingħand ħadd biex jirreġistra t-trasferiment minn fuq isem Dr. Farrugia għan-nom ta' Anthony Borg lil u għal fuq isem Victor Grech bħala direttur ta' l-M.I.D.C. Limited u dana qabel ma saret il-preżent kawża. Lanqas jirriżultalu li talba simili saret lill-Kontrollur predeċessur tiegħu;*
>
> *"L-istess attur Cecil Pace nomine, fl-ebda ħin ma allega illi hu għamel talba simili. Jgħid biss fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu li nforma lil Ministru tal-Finanzi – ma jgħidx meta, imma wieħed jifhem wara l-1987 – li s-soċjetà attriċi kienet xtrat dawn l-ishma u li kien bagħtlu kopja tad-dokumenti biex jgħaddihom lill-Kontrollur tal-Malta &*

*Europe Hotels Limited "Sabiex dan jirreġistra dan it-trasferiment ta' ishma a favur M.I.D.C. Limited, iżda l-Kontrollur għalkemm interpellat, għadu ma rreġistrax dawn l-ishma". Għalkemm jidher li kien hemm laqgħa bejn l-attur u l-Ministru tal-Finanzi li kienet tirrigwarda x-shareholding tal-Malta & Europe Hotels Limited, iċ-ċirkostanzi kif jallegahom l-attur Pace ma jirriżultawx ikkonfermati ...*

*...*

*"F' dan l-istat ta' provi tidher ġusta l-konklużjoni li waslet għaliha din il-Qorti li qatt ma saret talba formali lid-diretturi tas-soċjetà Malta & Europe Hotels Limited jew lill-Kontrollur tagħha biex dawn l-ishma jiġu regolarment irreġistrati f'isem M.I.D.C. Limited. Dana **qabel** il-preżentata taċ-ċitazzjoni. Dan jaffermah kif fuq indikat il-Kontrollur konvenut u din il-Qorti ma tarax x' interess jista' jkollu l-istess Kontrollur li jafferma dan jekk ma kienx konvint li l-fatti hekk kienu."* (Enfasi tal-Qorti)

16. Issa jrid jiġi kkunsidrat jekk l-attriċi għandhiex interess ġuridiku sabiex tattakka, *a sua volta,* il-bejgħ u t-trasferiment tas-sehem bin-numru 1361 fis-soċjeta` konvenuta minn J. Zammit lil Michele Martone; is-sussegwenti reġistrazzjoni tal-istess sehem f'isem Dr Michele Martone LL.D. fil-kotba ta' Malta & Europe Hotels Limited fit-23 ta' Ottubru 1974[8]; u l-eventwali trasferiment *inter vivos* u reġistrazzjoni ta' l-istess sehem lil Massimiliano Martone, iben Michele Martone, abbażi tal-allegazzjoni illi ma kinitx ġiet segwita l-proċedura kontemplata fl-artikolu 6 tal-*Articles of Association*.

17. L-artikolu 6 tal-Istatut[9] tal-kumpanija jipprovdi:-

*"6. (1) No share may be transferred to non-members unless it is first offered to the **Shareholders** who shall have the right of option in the proportion laid down in paragraph 7(2). Shares may be freely transferred "inter vivos" to the descendants of shareholders.*

[8] Fol. 265.
[9] Fol. 440 *et seq*.

*"(2) Transfers shall be effected by a written instrument in the usual form. Until the transfer is approved by the Bord of Directors and registered by the Company, the transferor shall be deemed to be the holder of the share or shares transferred by him.*

*"(3) In no case may part of a share be transferred.*

*"(4) The* ***<u>Board</u>*** *may, in its discretion decline to register any transfer of shares to a person of whom it does not approve.¬* (Enfasi tal-Qorti)

18. Dwar min għandu l-interess ġuridiku jimpunja trasferiment ta' ishma bi ksur tal-artikolu 6(1) tal-Istatut, din il-Qorti diġa` kellha l-opportunita` li tiddeċiedi fil-kawża ***Pace pro et noe et v. Bonello pro et noe.*** F'dik il-kawża, il-kwistjoni tal-interess ġuridiku tqajmet fil-konfront ta' Martone li kien intervjena *in statu et terminis.* Il-Qorti qalet:

*"...* ***azzjonista***[10] *fis-soċjetà Malta & Europe Hotels Limited għandu interess dirett li jikkontesta kemm it-trasferiment, kif ukoll ir-reġistrazzjoni ta' l-ishma fuq isem il-kompratur in kwantu hu jekk qed jikkontendi – kif infatti eċċepixxa imma ma ppruvax – illi ma ġewx osservati ad unguem ir-regolamenti tal-Memorandum u ta' l-Articles tas-Soċjetà li jirregolaw it-trasferiment ta' l-ishma inter vivos f' dik is-soċjetà. Dawn jipprovdu inter alia illi: 'No share may be transferred* ***<u>to non-members</u>*** *(kif ex admissis kienet is-soċjetà attriċi)* ***<u>unless</u>*** *it is first offered to the sahreholders who shall have the right of option in the proportion laid down in paragraph 7(2) (Article 6(1) tal-Memorandum and Articles)". Hu ċar allura li kull azzjonist għandu interess ġuridiku illi jivverifika li l-proċeduri għat-trasferiment ta' l-ishma jkunu ġew sewwa segwiti anke għaliex hu għandu d-dritt ta' opzjoni li jakkwistahom qabel ma jiġu offerti lil terzi estranei. Għandu allura kull dritt li jindaga dwar il-proċeduri segwiti u dana anke qabel ma l-Bord tad-Diretturi jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu jekk kellux jew le jirreġistra t-trasferiment tal-ishma u lill-akkwirent tagħhom bħala azzjonista ġdid tas-soċjetà....*

*"Mill-banda l-oħra ... kull azzjonist ieħor fil-Malta & Europe Hotels Limited, waqt li għandhom interess li jassiguraw min kien l-akkwirent barrani ta' l-ishma li jkun xtara skond il-proċedura stabbilita, żgur li ma għandhom l-ebda interess ġuridiku li jissindikaw u wisq aktar jikkontestaw, taħt liema ċirkostanzi jkun sar dan il-bejgħ jew jekk tali bejgħ ikunx validu skont il-liġi. ... L-intervenut fil-kawża hu terz estraneju għal dan in-negozju u ma jista' jkollu l-ebda interess ġuridiku*

[10] Enfażi tal-Qorti.

*li jintrometti ruħu fih u jikkontesta l-validità tiegħu jekk mhux kif fuq ingħad mill-aspett **biss** li ma jkunux ġew segwiti l-proċeduri stabbiliti fl-Istatut għat-trasferiment ta' ishma inter vivos".*

19. Din il-Qorti tissottolineja li l-bran riprodott mis-sentenza fl-ismijiet ***Pace pro et noe et v. Bonello pro et noe*** jirreferi għal azzjonisti. Dan loġikament inkwantu **d-drittijiet li jagħti l-artikolu 6(1) tal-istatut jirreferi unikament u limitatament għal tali persuni**.

20. Is-sehem bin-numru 1361 f'Malta & Europe Hotels Limited li hu oġġett tal-kawża, ġie trasferit mill-konvenut Zammit lil Michele Martone u reġistrat f'isem dan tal-aħħar fit-23 ta' Ottubru 1974. Min-naħa l-oħra, minkejja li l-appellata xtrat iż-żewġ ishma tagħha fl-istess soċjeta` fil-15 ta' Novembru 1972, **bħala stat ta' fatt** ir-reġistrazzjoni tagħha *bħala* azzjonista ta' Malta & Europe Hotels Limited seħħ biss fil-31 ta' Lulju 1996. Qabel dik id-data għalhekk kienet u baqgħet biss **terz estraneju** vis-a-vis l-azzjonisti l-oħra ta' Malta & Europe Hotels Limited. Evidentement fiż-żmien li s-sehem numru 1361 kien reġistrat f'isem Martone, l-attriċi la kellha d-dritt tiġi notifikata b'xi trasferiment prospettiv ta' ishma lill-persuni mhux membri u tant inqas ma kellha d-dritt li takkwista l-istess ishma hija stess.

21. L-ewwel Qorti għamlet enfażi fuq il-fatt li l-ishma 1133-1134, *"…. MIDC Limited effettivament akkwistat dawn l-ishma partikolari mis-sena*

*1972…".*[11] Pero` l-akkwist kien reġistrat fir-reġistru tal-membri tal-kumpanija fil-31 ta' Lulju 1996. Kienet l-attriċi li naqset milli issegwi l-proċedura kontemplata f'paragrafu 6(2) tal-Articles of Association sabiex ikun reġistrat l-akkwist taż-żewġ ishma fil-15 ta' Novembru 1972. Dan in-nuqqas wassal sabiex skond l-istess paragrafu l-ishma baqgħu ikkunsidrati bħala proprjeta` tat-*transferor*. Kien biss fl-1989, tant snin wara, li l-attriċi ippreżentat kawża sabiex il-Qorti tikkundanna lill-kontrollur jirreġistra t-trasferiment taż-żewġt ishma fil-kumpanija Malta & Europe Hotels Limited (**Cecil Pace pro et nomine et v. Emanuel A. Bonello proprio et nomine**, Cit numru 145/1989). Fis-sentenza l-Qorti tal-Appell għamlitha ċara li *"…. tidher ġusta l-konklużjoni li waslet għaliha din il-Qorti li qatt ma saret talba formali lid-diretturi tas-soċjeta` Malta & Europe Hotels Limited jew lill-Kontrollur tagħha biex dawn l-ishma jiġu regolarment irreġistrati f'isem M.I.D.C. Limited. Dan* ***qabel*** *il-preżentata taċ-ċitazzjoni"*. Fiċ-ċirkostanza partikolari ta' dan il-każ, *imputet sibi*.

22. Il-fatt li M.I.D.C Limited akkwistat l-ishma 1133-1134 fl-1972 ma jfissirx li għandha interess ġuridiku sabiex timpunja l-akkwist tas-sehem numru 1361 li akkwista Martone. L-akkwist minn M.I.D.C Limited kien reġistrat biss fil-31 ta' Lulju 1996. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza **Herbert Baldacchino nomine v. Cecil Pace et** tal-21 ta' Frar 2000:-

> *"…. għall-fini biex tiġi stabbilita l-proprjeta tal-ishma ma kienx biżżejjed li jiġi stabbilit li tkun ġiet skrupolożament segwita l-*

[11] Ara fol. 32 tas-sentenza.

*proċedura stabbilita fl-Articles of Association għall-bejgħ tagħhom.* ***Kien ukoll meħtieġ li jiġi stabbilit li tali trasferiment validu jkun ġie debitament awtorizzat u reġistrat skond kif mis-soċji previst fl-istess Articles****"*.

23. Kawża li kienet titratta dwar 9212 sehem fil-kumpanija Malta & Europe Hotels Ltd li Massimiliano Martone ippreżenta kontra l-aħwa Pace, M.I.D.C Limited u Malta & Europe Hotels Ltd sabiex jiġi ddikjarat li hu s-sid, u li rebaħ. Is-sentenza dwar min hu s-sid ta' dawk l-ishma hi llum ġudikat.

24. Jekk għall-grazzja tal-argument biss dak li tallega l-attriċi fil-meritu għandu mis-sewwa, il-Qorti ma tarax x'benefiċċju tista' tieħu M.I.D.C Limited meta tikkunsidra li:

i. Meta seħħ it-trasferiment tas-sehem numru 1361 l-attriċi ma kinitx proprjetarja ta' ishma fil-kumpanija Malta & Europe Hotels Limited;

ii. F'kull każ is-sehem numru 1361 jirritorna lura lill-konvenut John Zammit u l-kwistjoni tieqaf hemm. L-istralċarju fl-interess ta' M.I.D.C. Limited mhux ser jakkwista xi drittijiet fuq dak is-sehem. Dan apparti li l-attriċi lanqas ma wriet li ser takkwista xi utilita` jekk jintlaqgħu t-talbiet li għamlet. L-oneru tal-prova kien fuq l-attriċi, li ma qalet xejn dwar

x'utilita` u vantaġġ tista' tieħu jekk jintlaqgħu t-talbiet tagħha. Jekk b'xi mod din il-kawża hi strataġemma sabiex il-kumpanija attriċi terġa' tipprova tiftaħ il-kwistjoni dwar ta' min huma proprjeta` 9212 azzjoni ordinarja fil-kumpanija Malta & Europe Hotels Ltd, dik il-kwistjoni hi llum *res judciata* bis-sentenza li ngħatat minn din il-Qorti fil-21 ta' Frar 2000 fil-kawża **Herbert Baldacchino nomine v. Cecil Pace et** (Cit numru 1707/93) u li fiha ġie kkonfermat li:-

i. Qatt ma kien hemm trasferiment validu tal-ishma favur M.I.D.C. Limited u m'hijiex proprjetarja ta' dawk l-ishma;
ii. L-ishma huma proprjeta` ta' Martone.

25. L-ewwel Qorti semmiet ukoll il-prinċipju tal-*jus superveniens* u argumentat li wara li fl-1996 iż-żewġt ishma kienu reġistrati f'isem l-attriċi, akkwistat id-dritt li tieħu passi dwar dak li seħħ fis-sena 1974 meta Martone akkwista s-sehem fil-kumpanija konvenuta. Din il-Qorti ma taqbilx. Il-prinċipju tal-*jus superveniens* japplika fejn waqt kawża iseħħ dritt li jissana d-difett li kien jeżisti meta ġiet preżentata l-kawża (ara per eżempju sentenza **Guido Laferla nomine et v. Dr. Vincent Falzon et** tat-23 ta' Novembru 1984, Prim'Awla). Inoltre, jibqa' il-fatt li meta saret ir-reġistrazzjoni tas-sehem numru 1361 l-attriċi ma kinitx azzjonista tal-

kumpanija Malta & Europe Hotels Limited (C422). *Semmai* kienu l-azzjonisti reġistrati fiż-żmien li akkwista Martone li kellhom l-interess jimpunjaw dak l-akkwist u mhux min sar sid ta' ishma fil-kumpanija iktar minn tletin sena wara.

26. Quddiem l-Ewwel Qorti l-appellata argumentat ukoll li bħala azzjonista għandha d-dritt tippreżerva l-buon ordni fil-kumpanija wkoll b'referenza għall-perjodu meta ma kellhiex ishma fil-kumpanija. Fil-fehma tal-Qorti semmai dak id-dritt kien b'referenza għall-perjodu minn meta saret azzjonista u mhux b'mod retroattiv. Dan apparti li l-obbligu li jinżamm il-*buon ordni* fis-soċjeta` Malta & Europe Hotels Limited kien jispetta lill-uffiċjali tal-istess soċjeta`, ossija: (i) lid-diretturi, liema obbligu għadda lill-Kontrollur wara li s-soċjeta` konvenuta waqgħet taħt kontroll fl-1974; u (ii) lis-segretarju. Mill-atti jirriżulta iżda li l-Kontrollur ta' dak iż-żmien, Dr Carmelo Mifsud Bonnici u s-segretarju Joseph Abela, ma raw xejn irregolari fl-imsemmi trasferiment tant li ħarġu, iffirmaw u taw *share certificate* f'isem Dr Michele Martone (fol. 265) rappreżentanti s-sehem bin-numru 1361 f'Malta & Europe Hotels Limited.

27. In vista ta' dak li ntqal hawn fuq m'hemmx ħtieġa li jiġi mistħarreġ it-tieni aggravju dwar l-eċċezzjoni ta' *res judicata* ġialadarba l-ewwel aggravju ser jintlaqa' u s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2018 ser titħassar u

tintlaqa’ t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Martone li titratta dwar l-interess ġuridiku.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tilqa’ l-appell tal-konvenuti aħwa Massimiliano, Annabella, Luigi u Franco aħwa Martone, tħassar is-sentenza tat-30 ta’ Jannar 2018, u filwaqt li tilqa’ it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Martone tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-atturi, salv ovvjament għal dawk relatati mas-sentenza tat-13 ta’ Lulju 2017 li tat l-ewwel Qorti dwar it-tieni eċċezzjoni tal-kumpanija konvenuta.

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr